MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 644/2004

**Marsaxlokk Sailing Club Company Limited**

**vs**

**J & H Company Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikorsipprezentat fi 25 ta' Awissu, 2004, mis-socjeta' J & H Company Ltd; li in forza taghha, wara li ppremmettiet illi;

Nhar l-20 ta' Awissu, 2004, is-socjeta' attrici pprezentat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' qbid kontra s-socjeta' J & H Company Ltd;

Is-socjeta' attrici qed tibbaza t-talbiet taghha fuq skrittura tad-29 ta' Marzu, 2003;

Jigi rilevat li r-rikorrent kien pprezenta citazzjoni kontra Marsaxlokk Sailing Club Company Ltd. fl-10 ta' April, 2003 (Citazzjoni numru 372/2003TM) fejn kien talab fost affarijiet ohra li dina l-Qorti:

*"tiddikjara u tiddeciedi illi l-iskrittura msemmija in kwantu tistipula l-awment ghall-kumpens fis-sitt sena tal-ftehim hija kolpita u afflitta b'simulazzjoni u l-effett reali hija illi l-obbligazzjoni hija bbazata fuq konsiderazzjoni falza u li l-verita' hija illi l-obbligazzjonijiet hija minghajr kawza"*;

Marsaxlokk Sailing Club Company Limited kienu diga' pprezentaw mandat ta' sekwestru:

L-ammont pretiz mhuwiex *prima facie* gustifikabbli *stante* illi:

(a) Ir-rikorrent qed jigi attakkat b'mod illi jwaqqaf kompletament il-gestjoni tas-socjeta' rikorrenti liema gestjoni hija serja b'nies impjegati hemmhekk.

(b) *Per conseguenza* ta' dan il-mandat is-socjeta' rikorrenti ser issoffri danni rreparabbli li definittivament Marsaxlokk Sailing Club Company Ltd ma tistax taghmel tajjeb ghalihom minhabba li hija debitrici ghal eluf ta' liri mad-Dipartiment ta' l-Artijiet kif ukoll mal-banek;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess li l-mobbli *in kwistjoni* jikkonsistu f'makkinarju u oggetti ohra li r-rikorrent juza fl-esercizzju tax-xjenza u l-arti tieghu u ghaldaqstant ma jistghux jigu maqbuda mis-socjeta' Marsaxlokk Sailing Club Company Ltd;

Fic-cirkostanzi ma jidhirx illi l-intimata qed tidderiva xi beneficcju mill-esistenza tal-mandat hlief li jfixkel l-operat tas-socjeta' rikorrenti. Dan mhuwiex ammissibli fis-sens illi l-iskop tal-mandat ta' qbid kawtelatorju huwa li jikkawtela pretensjoni u oggetti biex eventwalment f'kaz ta' ezitu possittiv ta' kanonizzazjoni jigu subbastati, u mhux li jfixkel operat;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka *contrario imperio* tal-mandat 1506/04 skond l-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Marsaxlokk Sailing Club;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1506/04;

Ittrattat dan ir-rikors;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' rikorrenti, f'dawn il-proceduri, qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' qbid numru 1506/04 ezegwit fis-*"Sajjied Restaurant"* gewwa Marsaxlokk, u dan *ai termini* tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn is-subartikoli jaghtu l-fakulta' lill-Qorti tirrevoka, sew ghal kollox jew f'parti minnu, mandat kawtelatorju (kif inhu l-mandat *in kwistjoni*), (d)  jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv, jew (f) jekk jintwera li fic-cirkustanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu, jew li dak l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Ghar-rigward tat-talba maghmula *a bazi* tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, mill-provi mressqa ma jidhirx, *prima facie*, li l-pretensjoni tas-socjeta' intimata hija eccessiva, u *kwindi* t-talba, *in kwantu* bazata fuq dan is-subartikolu qed tigi michuda.

Ghar-rigward ta' l-ilment taht l-artikolu 836(1)(f), is-socjeta' rikorrenti tilmenta li dan il-mandat ta' qbid effettwala n-negozju taghha ghax bis-sahha tieghu gew elevati l-

ingenji u l-attrezzi li hi ghandha bzonn biex tkun tista' tinnegozja. Hi tissottometti li n-negozju taghha tiggestih mir-*restaurant* maghruf bl-isem ta' *"Is-Sajjied Restaurant"* gewwa Marsaxlokk, u l-mandat, li gie ezegwit fl-istess negozju, qed izomm lis-socjeta' milli taghmel uzu mill-attrezzi mehtiega ghal gestjoni tan-negozju mir-*restaurant* imsemmi.

Tajjeb li jinghad li, wara l-esekuzzjoni tal-Mandat, il-Marixal ezekutant ikkonsenja l-oggetti elevati lill-kunsinnatarju mahtur mid-debitur, is-socjeta' rikorrenti, u dan *a tenur* tal-artikolu 291 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *"kemm-il darba d-debitur jipprezenta persuna maghrufa bhala tajba ghaldaqshekk, illi tkun lesta biex minnufih tiehu taht idejha l-hwejjeg maqbuda, il-marixall ghandu jahtar lil dik il-persuna bhala kunsinnatarju".*

Issa, meta jinhatar kunsinnatarju, il-ligi tipprovdi dwar l-uzu li jista' jsir tal-oggetti elevati, u dan fl-artikolu 298 tal-indikat Kap. 12 li jiddisponi dan li gej:

*"(1) Il-kunsinnatarju ma jistax jinqeda bil-hwejjeg maqbuda, lanqas jippermetti lid-debitur li juza l-hwejjeg maqbuda jew li jibqa' jzommhom fil-pussess tieghu, lanqas jaghtihom b'kiri jew b'self, taht piena li jitlef il-jedd ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-irfigh taghhom u li jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni u ta' l-imghaxijiet:*

*Izda d-debitur jista' jithalla juza jew jibqa' jzomm pussess ta' dawk l-oggetti minn fost il-hwejjeg maqbuda li l-Qorti tista' tawtorizza jekk il-Qorti tqis li dawk l-oggetti huma normalment mehtiega f'dar medja ghal ghajxien decenti sabiex tinzamm id-dinjita' umana tad-debitur u tal-familja tieghu"*

Minn dan l-artikolu jirrizulta li l-oggetti elevati ma jistghux jibqghu jintuzaw, la mill-kunsinnatarju u lanqas mid-debitur, u l-fakolta' moghtija lil Qorti biex, f'certi cirkustanzi, tippermetti uzu ta' xi oggetti, tidher li hija applikabbli biss ghal ghamara u affarijiet li wiehed soltu jsib f'dar ta' residenza, u li jkunu mehtiega ghal ghajxien decenti tad-debitur u tal-familja tieghu. Fakulta' simili ma

jidhirx li giet moghtija lill-Qorti f'kaz li d-debitur ikun persuna guridika.

L-artikolu 304 tal-Kap. 12, li hu applikabbli ghal mandat ta' qbid kawtelatarju bis-sahha tal-artikolu 846, jiddisponi, min naha l-ohra, li m'humiex suggetti ghal-qbid, fost affarijiet ohra, *"il-makni u l-ghodda mehtiega ghat-taghlim jew ghall-ezercizzju tax-xjenza jew ta' l-arti tad-debitur jew tat-tfal tieghu".*

Kif gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza "Azzopardi vs Spiteri", deciza fis-7 ta' Marzu, 1951, *"il-kelma "arti" uzata fil-ligi ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejhu "belle arti", imma anke l-arti mekkanici u industrijali, u ghalhekk, hu protett b'dik id-dispozizzjoni tant l-"artista" kemm "l-artigjan"".* L-oggetti eskluzi jridu jkunu, skond ma qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Serra vs Grech", deciza fit-12 ta' Dicembru, 1938, mhux biss konnessi man-negozju tad-debitur, izda jridu jkunu mezzi indispensabli ghall-ghajxien tad-debitur. *A bazi* ta' dawn il-principji, l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc b'sentenza moghtija fil-11 ta' April, 1986, fil-kawza "Scicluna vs Valenzia", kienet iddecidiet li l-ghodda ta' mastrudaxxa ma jistghux jinqabdu.

F'dan il-kaz, jidher li s-socjeta' rikorrenti titmexxa minn Joseph Baldacchino (li, tista tghid, huwa l-uniku azjonist taghha), u t-tmexxija tar-*restaurant "Is-Sajjied"* tista' tigi serjament pregjudikata, jekk mhux imwaqqfa kompletament, minhabba l-effetti ta' dan il-mandat. Il-Qorti ezaminat il-lista tal-oggetti elevati bis-sahha tal-mandat *in kwistjoni*, u verament jidher li gew elevati l-*appliances* u l-attrezzi kollha mehtiega ghat-tmexxija ta' *restaurant*, b'mod li, *per konsegwenza*, is-socjeta' rikorrenti se tkun impeduta milli tkompli tmexxi n-negozju taghha. *Trattandosi* tal-fatt li l-kwistjoni bejn il-partijiet tista' tinvolvi hlasijiet ta' flus, ma jidhirx li jkun ghaqli li, f'dan l-istadju, meta l-kwistjoni ghad trid tigi mistharga mill-Qrati, is-socjeta' rikorrenti tigi mwaqqfa milli tkompli taghmel il-minimu ta' negozju possibbli. Ghalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti taht dan il-kap, limitatament billi tezenta mill-effetti tal-Mandat *in kwistjoni*

certi mill-oggetti maqbuda li l-Qorti tqies bhala indispensabli biex in-negozju, anke fuq skala ridotta, jibqa' ghaddej.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talba tar-rikorrenti bazata fuq l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, izda tilqa' *in parte* it-talba *in kwantu* bazata fuq l-artikolu 836(1)(f) tal-istess Kap. 12, billi tirrevoka l-ezekuzzjoni tal-Mandat tal-Qbid numru 1506/04 *in kwantu* gew milquta s-segwenti oggetti kif enumerati fuq l-istess Mandat:

Hames bankijiet ta' mal-*counter* (numru wiehed)

*Display fridge* tal-marka *Frizol* (numru hamsa)

*Counter* li fih 8 bibien tal-*frizer* (numru tminja)

Xkaffar ta' wara l-*counter* (numru disa')

Ghoxrin lampa li jinsabu imwahhla mal-hajt (numru hdax)

Magna tal-kafe' tal-marka *Cimbali* (numru tnax)

*Dresser* tal-*cutlery* (numru tlettax)

*Pizza oven* tal-marka *O and M Italy* (numru tnejn u ghoxrin)

*Pizza table* (numru tlieta u ghoxrin)

Mizien tal-kulur blu (numru erba' u ghoxrin)

*Microwave* tal-marka *Merry chef* (numru tminja u ghoxrin)

Platti (indikati fin-numru tnejn u tlettin)

- u tikkonferma l-indikat Mandat ghal qbija tal-oggetti elevati u elenkati fil-lista annessa mal-istess mandat.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------